

Dispożittiv

L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha ċittadin ta' pajjiżi terzi, li jkollu permess uniku, fis-sens tal-Artikolu 2(c) ta' din id-direttiva, ma jistax jikseb benefiċċju bħall-allowance għan-nuklei familjari li għandhom tal-inqas tlett itfal minuri stabbilita mil-Legge n. 448 – Misure di finanza pubblica per la stabilizzazione e lo sviluppo (Liġi Nru 448, dwar miżuri ta' finanza pubblika għall-istabilizzazzjoni u għall-iżvilupp), tat-23 ta' Diċembru 1998.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 7.11.2016

Appell ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2016 mil-Laboratoire de la mer mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-18 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża T-109/16 – Laboratoire de la mer vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-662/16)

(2017/C 277/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Laboratoire de la mer (rappreżentant: J. Blanchard, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

Appell ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2017 minn Rudolf Keil kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-15 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-330/15 – Rudolf Keil vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-37/17 P)

(2017/C 277/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Rudolf Keil (rappreżentant: J. Sachs, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tal-31 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-Għaxar Awla) ħadhet l-appell u kkundannat lill-appellant ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Appell ippreżentat fis-17 ta' Frar 2017 minn CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fid-19 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-655/16, CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-87/17 P)

(2017/C 277/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH (rappreżentant: A. Schuster, avukat)